**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni numru 111 / 2018**

**Illum 17 ta' Frar, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 228382 (M) billi huwa akkuzat talli talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. F'xi hin bejn id-09:00 ta filghodu u l-04:30 ta wara nofs in-nhar tat-12 ta Frar 2018 fi triq Censu Xerri, Sliema volontarjament ghamel hsara, jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq mutur ta ghamla Yamaha bin-numru tar-registrazjoni GBZ 435 ghad-detriment ta Omissis u/jew persuna/i ohra, liema hsara mhux izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500);

2. F'xi hin bejn is-07:30 ta filghaxija u t-08:00 ta filghaxija tal-15 ta Frar 2018 fi Triq Censu Xerri, Sliema volontarjament ghamel hsara, jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq vettura ta ghamla Land Rover bin-numru tar-registrazjoni BRG 604 ghad-detriment ta Omissis u/jew persuna/i ohra, liema hsara hija izjed minn elfejn u hames mitt euro (2,500).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta Omissis u/jew persuni billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kas ta htija jigu applikati l-provedimenti ta l-artikoli 382A u 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghatu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu ghat-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-piena dwar il-parametru li l-Qorti ghandha timxi maghhom fejn tidhol piena minhabba c-cirkostanzi tal-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu, li hija wahda nadifa. Il-Qorti spjegat lill-imputat li jekk jinbtu problemi fir-relazzjoni bejn koppji dawn ghandhom jissolvew billi tinkiseb l-ghajnuna izda jekk tezisti problema ghandha tkun iffacjata. Li wiehed jiehu l-ligi f'idejh ghax ihoss li haddiehor qieghed jonqsu anke jekk ikollu ragun mhux permessibli f'socjeta' bhal taghna li hi mibnija fuq is-salta tad-dritt "rule of law". Il-Qorti fehmet ukoll lill-parte civile bir-responabiltajiet morali li ghandu, jrid jaghraf it-tajjeb mill-hazin, anke jekk haddiehor ikun konxju ta' dak li qieghed jaghmel klandestinament minn wara dahar haddiehor.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Art 18 u 325(1)(a)(b) tal-kap 9 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

In oltre b'applikazzjoni ta'l- artikolu 412C ta' Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Omissis qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' protezzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna divjett tal-pubblikazzjoni tal-ismijiet kollha involuti fil-kaz biex il-problemi li jista' hemm ikunu solvuti b'mod bonarju u mhux jispiccaw mghoddija guri fit-toroq tar-rahal flok fl-awli tal-Qorti.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**